**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**15 ta' Frar 2026**

Nhar l-Erbgħa se nibdew iż-żmien tar-Randan Imqaddes li jwassalna għaċ-ċelebrazzjoni tal-Għid: mixja penitenzjali li lilna tista' teħlisna minn dak kollu li qed iżommna lura u jekk ngħixuha ma' Ġesù, miegħu tgħaddina mill-mewt għall-ħajja. U nemmen li din il-mogħdija għandna bżonnha ħafna, għax sikwit qed nispiċċaw ngħixu qisna bla ruħ: bla ħajja għax weħilna f'ċertu sitwazzjonijiet koroh u diffiċli li ftit ftit joqtluna minn ġewwa. San Pawl ukoll għadda minn din l-esperjenza u darba kiteb: "Imsejken bniedem li jien! Min se jeħlisni minn dan il-ġisem tal-mewt? Niżżi ħajr lil Alla permezz ta' Ġesù Kristu Sidna!" (Rum 7,24-25). Alla biss jista' jeħlisni permezz ta' Ġesù Kristu.

Hu biss jista' jsalvana minn din il-mewt. Għalhekk il-Knisja tipproponilna 3 eżerċizzi sempliċi biex bihom nagħtu iktar spazju lil Ġesù biex jaħdem magħna u jsalvana. U l-iktar li nsemmuhom hu fil-mixja tar-Randan: appuntu biex bihom ngħaddu mill-mewt, għall-ħajja ma' Kristu.

It-Talb, is-Sawm u l-Karità huma it-tliet eżerċizzi li rrid nagħmilhom jien biex fihom nara kif Alla qed jgħinni. Għalhekk: fit-talb nieqaf ftit ħin u noqgħod bi kwieti miegħu, u hemm nisimgħu jagħtini kelma li ddawwal ħsibijieti u timmotivani biex nerġa' nqum fuq saqajja u nimxi 'l quddiem; fis-sawm nikkontrolla l-aptiti tiegħi, u Hu jagħtini s-saħħa biex ninħeles minn dak kollu li qed iġibni skjav tiegħu; u bil-karità nħobb b'ġenerożità lill-oħrajn, u flok nitbattal u nispiċċa b'xejn, Hu jimlieni b'ferħ u b'ġid akbar.

Ma' dan il-bullettin qed inqassmu l-programm tar-Randan li jista' jgħinna ngħixu dawn it-tliet eżerċizzi b'mod iktar intens. Sibu l-ħinijiet u l-proposti l-aktar addattati għalikom, u **agħtuh ċans lill-Mulej** biex: fit-talb jgħaddilkom Kelma li tmexxikom 'il quddiem; fis-sawm jagħtikom is-saħħa biex tagħżlu l-aħjar; u bil-karità jimliekom bil-ġid u l-ferħ tas-sema.

**RAS IR-RANDAN: L-ERBGĦA 18 TA' FRAR**
**Servizz ta' Qrar** mis-6.00am sad-9.00am u mill-4.00pm sas-7.00pm

Quddies bit-tqegħid tal-irmied:
**5.30am**; **6.30am**; **7.30am**; **9.00am**
**5.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni
**6.30pm** Quddiesa għall-familji, bis-sehem tat-tfal
**7.30pm** Quddiesa bis-sehem tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ

## Avviżi:

Nhar l-Erbgħa 18 ta' Frar fis-5.45pm fil-Knisja Bażilika ser issir laqgħa oħra ta' talb fuq l-ispiritwalità tal-Qaddej t'Alla Dun Mikiel Attard. Imexxi l-laqgħa l-Kan. Dun Reuben Micallef filwaqt li Dun Manwel Cutajar ser jaqsam xi ħsibijiet u esperjenzi dwar Dun Mikiel. Inħeġġukom tattendu. Il-laqgħa tkun trasmessa fuq Mnarjalive.com.

L-Għaqda Dun Franġisk Grima qed timpenja ruħha li tipprovdi attività kull nhar ta' Ħamis. Darba tkun ħarġa ta' mistrieħ u darb'oħra tkun laqgħa dwar is-saħħa fiżika. Nhar il-Ħamis 19 ta' Frar ser ikollna preżentazzjoni dwar il-kura tas-saqajn mill-podjatrista Rebecca Spiteri Attard fid-9.30am fis-Sala Parrokkjali.

**Il-Kors tat-10K** – għal sena oħra ser isir il-kors tal-Għaxar Kmandamenti. Din is-sena ser ikun indirizzat liż-żgħażagħ ta' bejn 18 u 35 sena, fil-Kappella tal-Oratorju, fit-7.45pm. Jibda nhar is-Sibt 21 ta' Frar. Min hu interessat jista' jirreġistra fuq www.10k.mt.

---

Tliet laqgħat importanti organizzati mill-Grupp Pastorali tal-Familja:

Għall-**koppji miżżewġa fl-ewwel 5 snin**: "Il-Ħbieb sal-Bieb?"
Imexxi Fr Joseph Curmi, is-Sibt 21 ta' Frar, fis-Sala ta' San Ġorġ, fis-7.00pm

Għall-**ġenituri tal-adolexxenti**: "Adolexxenti, Social Media u AI"
Imexxi Fr Jean Govè, il-Ħadd 22 ta' Frar, f'Dar Manresa, fl-4.00pm

Għall-**ġenituri li wliedhom ħarġu mid-dar** (Empty Nesters) "Nikbru magħhom"
Imexxi l-Isqof Anton Teuma, it-Tlieta 24 ta' Frar, fis-Sala tas-Sixth Form, fis-7.00pm

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am